MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 901/2009

**Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Jody Pisani**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jody Pisani ta' 30 sena, bin Alexander u Josephine nee' Azzopardi, imwieled il-Pieta' fis-6 ta' April 1979 u residenti fl-indirizz 21, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 175379(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Gunju 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

a. Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b’korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b’eccess minn dak li jkun permess bil-ligi ;

b. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk huwa Jody Pisani, kiser il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett(3) snin u dan b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta’ Gunju 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’ sentenza mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Settembru 2009 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt lli l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-parti leza irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u xehed li wasal fi ftehim mal-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 298C u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ sentejn(2) Jody Pisani ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Jody Pisani ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali**
**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 20 ta' Novembru, 2009

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

vs

Jody Pisani

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 20 ta' Novembru, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Jody Pisani gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' sentejn(2) millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputata inkluz il-htigijet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputat wera li jrid jhares il-htigijet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Jody Pisani ta' 30 sena, bin Alexander u Josephine nee' Azzopardi, imwieled il-Pieta' fis-6 ta' April 1979 u joqghod fil-fond 21, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 175379(M) jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn(2) millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' sentejn(2) Jody Pisani ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Jody Pisani kull sitt(6) xhur bil-miktub.

3. Jody Pisani ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

**Jody Pisani**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------